18 ta' Settembru, 1954

Imħallef :—
Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Giuseppe Giordimaina *versus* Clementa Psaila

## Inġurja — Kwerela — Minuri

*Fil-każ tal-minuri ma hemm ebda dispożizzjoni bħal ma hemm fil-każ tal-mara miżżewġa, li, biex tikkwerela, għandha bżonn il-kunsens tar-raġel jew l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, ħlief meta r-raġel ikun minuri, assenti, dementi jew interdett; uwoldiri li ma hemm ebda dispożizzjoni li tgħid li, biex il-minuri jista' jagħmel kwerela, jeħtieġ li jkollu l-kunsens ta' missieru jew ta' xi ħaddieħor, jew ta' l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Għalhekk hu raġjonevoli li jiġi ritenut li, barra l-axxendent li jista' jikkwerela għar-rappreżentat tiegħu, anki l-istess minuri għandu d-dritt awtonomu li jikkwerela għalih innifsu.*

*Biss, jista' jkun hemm lok għal diversi kwistjonijiet (delineati f'din is-sentenza) li l-eżistenza tagħhom tista' tissuġġerixxi l-espedjenza li tkompli tiġi segwita, għall-aħjar sikurezza, il-prattika solita li għall-minorenni jikkwerela min jirrappreżentah ċivilment, biex jiġi evitat kull dubju fil-każ li jkun hemm lok għal dawn il-kwistjonijiet.*

L-imsemmi Giordimaina, li għandu żbatax-il sena (ara dikjarazzjoni tiegħu fol. 3), għamel kwerela għall-inġurja kontra l-imsemmija Clementa Psaila quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta investita bil-konjizzjoni tal-kawża, u l-kwerelata eċċepiet l-inkapaċità tal-kwerelant li jagħmel il-kwerela (fol. 3). B'sentenza tagħha ta' l-ewwel ta' Lulju, 1954 (fol. 5) dik il-Qorti irrespinġiet l-eċċezzjoni, u mbagħad, b'sentenza oħra mogħtija fl-istess ġurnata, iddeċidiet il-meritu, fis-sens li sabet lill-kwerelata ħatja, u kkundannatha għall-piena ta' l-ammenda ta' 5s. u għall-ħlas ta' l-ispejjeż;

Il-kwerelata appellat lil din il-Qorti;

Fuq il-punt preliminari, din il-Qorti tikkunsidrat;

Fil-każ tal-minuri ma hemm ebda dispożizzjoni, bħal ma hemm fil-każ tal-mara miżżewġa, li, biex tikkwerela, għand-

ha bżonn il-kunsens tar-raġel jew l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, ħlief meta r-raġel ikun minuri, assenti, dementi jew interdett (art. 7 u 8 Kap. 23). Ilweldiri, li ma hemm ebda dispożizzjoni li tgħid li, biex il-minuri jista' jagħmel kwerela, jeħtieġ li jkollu l-kunsens ta' missieru, jew ta' xi ħadd ieħor, jew ta' l-awtorizzazzjoni tal-Qorti;

Veru li hemm id-dispożizzjoni ta' l-art. 536 Kap. 12, li "inter alia" tgħid li l-kwerela tista' ssir mill-axxendent għad-dixxendent; imma din id-dispożizzjoni ma taqtax il-kwistjoni; għaliex, l-ewwelnett, ma hemm xejn fiha li minnu wieħed jista' jinduċi li l-minuri, biex jikkwerela, għandu bżonn il-kunsens ta' ħaddieħor jew ta' l-awtorità tal-Qorti, kif hemm fil-każ tal-mara miżżewġa, li t-tieni, għaliex il-każijiet l-oħra, inwenmiijin f'dik id-dispożizzjoni, jaru li ma hijiex għal kollox kwistjoni ta' inkapaċità, għax hemm inkluż il-każ li fih id-dixxendent jikkwerela għall-axxendent, jew l-aħwa subien jikkwerelaw għall-aħwa bniet;

Barra minn dan, id-dispożizzjoni hi potestativa, u mhux f'sens ta' esklużjoni tad-dritt tal-minorenni li anki hu stess jista' jikkwerela għalih in-nifsu. Daqstant ma hemm ebda "cross reference" limitativa bejn l-art. 532 ibidem, li jagħti d-dritt tal-kwerela lil kull min hu offiż b'reat, u l-art. 536 fuq ċitat;

Hemm l-art. 158 Kap. 23, li jgħid li l-missier jirrappreżenta t-tfal minuri fl-affarijiet ċivili kollha — artikolu simili għall-art. 224 Kodiċi Taljan ta' Ambotz. Sir Adrian Dingli għall-artikolu allura numerat 159;

Issa, taħt dan l-art. 224 tal-Kodiċi Taljan, li kif ingħad, hu identiku kwantu għall-kliem "il padre rappresenta i figli nati e nascituri in tutti gli atti civili", ġiet appuntu kunsidrata l-kwistjoni jekk il-minuri jistax jagħmel kwerela; u l-ġurisprudenza Taljana taħfer li kienet pressokkè unanimi li l-minuri jista' jikkwerela għalih innifsu (ara deċiżjonijiet riportati fil-Fadda, Opa. sul Codice Civile, art. 224, fin-numri 99, 101, 102, 103, 104, 105, ecc.);

Din il-Qorti, kif kostitwita, jidhrilha li, ga ladarba ma hemm ebda dispożizzjoni fil-Liġi Maltija li timponi, fil-każ tal-minorenni, in-neċessità ta' xi kunsens jew awtorizzazzjo-

ai, kif hemm fil-każ tal-mara miżżewġa, għalhekk hu raġjonevoli li jiġi ritenut li, barra l-axxendent li jikkwerela għar-rappreżentant tiegħu, anki l-istess minuri għandu wkoll id-dritt awtonomu li jikkwerela ruħu għalih innifsu. Biss, jista' jkun hemm lok għal diversi kwistjonijiet, li huma dawn :

(a) Jekk, meta wieħed jgħid li jista' jikkwerela l-minuri, għandux jagħmel xi limiti ta' età, b'mod li l-minuri kwerelant għandu jkun dotat b'dixxerniment (ara deċiżjonijiet fil-Fadda, loc. ċit., fin-numri 108-109, u ara l-monografija tat-Tuozzi, Giust. Pen. 1896, 537, taħt it-titolu "Se possa un minore di anni nove sporgere querela da solo", u l-monografija fuq l-istess suġġett tan-Niceforo, Foro Penale 5, 61);

(b) Jekk għandhiex taqa' l-kwerela fil-każ li min jirrappreżenta l-minuri fl-attijiet ċivili jagħmel oppożizzjoni (ara deċiżjonijiet ibidem, nri. 98, 100);

(c) Jekk il-missier jistax jikkwerela kontra l-volontà ta' ibnu:

(d) Jekk il-minuri, waħdu, jistax jirrinunzja għall-kwerela;

(e) U dik jekk, kwante volte l-missier jirrinunzja għall-kwerela, jistax ikompliha l-minuri;

F'dan il-każ, però, ma hemmx lok għal ebda waħda minn dawn il-kwistjonijiet; għax il-kwerelant hu żgur dotat minn dixxerniment, peress li għandu 17-il sena, u ma jirriżulta bl-ebda mod li min jirrappreżentah ċivilment għamel xi oppożizzjoni jew xi rinunzja għall-kwerela tiegħu. L-eżistenza, però, tal-possibilità ta' dawn il-kwistjonijiet l-oħra, f'każijiet oħra, tista' tissuġġerixxi l-espedjenza li tibqa' tiġi segwita, għall-aħjar sikurezza, il-prattika solita li għall-minorenni jikkwerela min jirrappreżentah ċivilment, biex jiġi evitat kull dubju fil-każ li jkun hemm lok għal kwistjonijiet simili, li però f'dan il-każ ma hemmx;

Jista' jiżdied li l-ġurisprudenza Taljana hija fis-sens li l-minuri jista' jikkwerela, kif fuq ingħad, avvolja hemm id-dispożizzjoni ta' l-art. 154 tal-"Codice di Procedura Penale", li hi forsi aktar qawwija mill-art. 536 tal-Kodiċi Malti fuq ċitata;

Għal dawn ir-raġunijiet, u peress li d-difensur tal-kwerelata dwar il-meritu ma għamel ebda kontestazzjoni;

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell, u tikkonferma fis-sens premess id-deċiżjoni appellata. L-ispejjeż jitħallsu mill-appellanti:

Onorarju tad-difensuri 12s. għas-seduta tal-4 ta' Settembru, 1954, u 10s. għal dik tal-lum.